KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 23_17/10/07/V**

## MINUTI TAT-TLIETA U GĦOXRIN SEDUTA

**It-Tlieta u għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 17 ta' Ottubru 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Michael Briguglio**<br>**Luke Vella** |

Is-seduta bdiet fl-4.20pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 22_19/09/07**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 22_19/09/2007

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija u ġew proposti mill-kunsillier J. Galea u ssekondati mill-kunsillier N. Dimech u approvati bi qbil unanimu.

### MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku rreferiet għall-punt 4.1 ta' l-aħħar seduta rigward it-tiżjin għall-Milied. Is-Sindku infurmat li ġiet avviċinata mis-sidien tal-ħwienet sabiex jipparteċipaw mal-Kunsill



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

għat-tiżjien. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lis-sidien tal-ħwienet fejn nistaqsu għal ammont ta' Lm40 u li jridu jaslu f'data stipolata mill-Kunsill. Min jipparteċipa, flimkien mar-riċevuta tingħata *sticker* fejn tgħid li dan il-ħanut ikkontribwixxa għat-tiżjin tal-Milied. Sadanittatnt il-Kunsill se jitlob għall-għajnuna finanzjara mill-*Malta Tourism Authority* u n-nefqa minn-naħa tal-Kunsill ma tkunx iżjed minn Lm1800. Għandhom jiintalbu l-istimi neċessarji. Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu ma' dan.

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-punt 3.2 ta' l-aħħar seduta rigward il-każ ta' Triq Viani, fejn ġie mistieden l-avukat tal-Kunsill sabiex jinforma lill-Kunsill bl-aħħar żviluppi. L-avukat qal li-Kunsill fetaħ mandat ta' inibizzjoni minħabba l-konsenturi u l-ħsara kollha li kienet saret fit-triq fejn il-perit tal-kuntrattur innifsu kien issottometta rapport ta' periklu pubbliku. L-avukat qal li provvisorjament il-mandat ġie diferit għal trattament bejn il-kunsill u l-parti l-oħra. Kienet saret laqgħa izda ma' kienx hemm konklużjoni. Il-Kunsill reġa mar il-Qorti u l-mandat inqata' favur il-Kunsill u b'hekk ma' jistax isir iktar skavar preżentament. L-avukat għamel il-fatt ċar li l-Kunsill fittex għall-ħsara li għamlu biex ma tkompliex tiżdied u mhux biex jitwaqqaf il-proġett. Minn naħa l-oħra *Mizzi Estates Ltd* bagħtu l-proposti tagħhom wara l-istess mandat. L-avukat spjega dawn il-proposti.

a. Li MEL jeżoneraw lill-kunsill minn kwalunkwe responsabbilta' għall-ħsara li ġrat fi triq Viani.
b. Li MEL se jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex issewwu l-ħsara li sostniet it-triq.
c. Li MEL se jerġgħu jagħmlu *resurfacing* tal-biċċa tat-triq konċernata.
d. Li l-Kunsill f'ammont ta' ġranet jieħdu l-azzjoni meħtieġa sabiex biex iwaqqfu l-proċeduri.

Il-Kunsill qabel ma' l-ewwel tlett proposti fejn se jżid dan li ġej :

1. Il-Kunsill ma' jridx li MEL tibqa sejra bix-xogħol tal-bini iżda l-ewwel trid tissewwa l-ħsara li saret fejn jiġi eliminat kull periklu, jittellgħu l-pilastri neċessarji u t-triq terġa tinfetaħ mingħajr ebda periklu għan-nies u għal karozzi.

2. Wara li jsir ix-xogħol, dan irid jiġi approvat mil-perit tal-Kunsill fejn jara li t-tiswija saret u l-Kunsill qabel ukoll li għandu jinvolvi l-ADT sabiex issir ċertifikazzjoni min-naħa tagħhom li t-triq tkun ċertifikata li mhijiex ta' periklu biex jgħaddu l-vetturi wara li jsir ix-xogħol neċessarju mil-kuntrattur. Il-kunsill se jesiġi wkoll li għandhom isiru l-ispezzjonijiet kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni mil-enitatijiet kollha li m'hemm l-ebda ħsara fis-servizzi li jinsabu għaddejjin minn taħt il-wiċċ tat-triq u li fil-każ għandhom jiġu rranġati .

Sadanittant il-Kunsill se jissosspendi l-mandat għal tletin ġurnata fejn f'dan iż-żmien tissewwa l-ħsara msemmija.

Fil-presenza ta' l-avukat, is-Segretarju Eżekuttiv staqsa wkoll jekk la darba MEL jibda jopera bix-xogħlijiet għandux jerġa jibda jitlob il-ħlas neċessarju tal-*hoarding*. Il-Kunsill qabel li MEL għandhom jerġgħu jibdew jħallsu appena jibda x-xogħol neċessarju.

2.3 Is-Sindku rreferiet għan-niċċa tal-Madonna taċ-Ċintura li tinsab fi Triq il-Knisja li l-Kunsill kien qabel li jirristawra. Is-sindku nfurmat lill-kunsilliera li ġiet avviċinata minn membru tal-*Lions Club* fejn qal li n-niċċa tinsab fil-faċċata ta' resident. Il-Kunsill qabel li għandna nsaqqsu lir-resident nistgħux nirranġaw in-niċċa.

2.4 Is-Sindku rreferit għal diversi komunikazzjoniet dwar il-bżonn f'Tas-Sliema sabiex issir Berga minħabba n-numru kbir ta' popolazzjoni li għandna. Il-Kunsill qabel li għandu jinbeda l-proċess.

2.5 Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar l-*iskateboarding area*. Is-segretarju eżekuttiv qal li għadna ma rċevejna l-ebda risposta mill-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura.

2.6 Il-kunsillier J. Galea ssuġġerixxa li titwaħħal *notice board* fl-area tax-Xatt. Il-Kunsill qabel li għandha titwaħħal waħda fi Triq Bisazza, fil-viċinanza tal-lattrina pubblika.

2.7 Is-Sindku rreferit għall-każ tax-Shigo fejn qal lill-Kunsill li għandu kuntratt għal dawn il-*coin boxes*. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra permezz l-avukat tal-kunsill fejn jitlob lil tax-Shigo stess biex jipprovdi lill-Kunsill kopja tal-permessi kollha rigward dawn it-*telephone booths*.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-korsijiet tal-kompjuter li saru fis-sala tal-kappillan tas-Sacro Cuor. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti Lm100 għall-użu li kien sar ta' dan il-post.

3.2 Il-kunsillliera M. Aquilina irreferit għal korsijiet dwar il-*beeding* li qegħdin isiru bħalissa. Peress li sejjrin tajjeb ħafna kellha talba sabiex ikun hemm kontinwazzjoni għall-ewwel kors, kif ukoll kors ieħor għal min ma' laħaqx post fil-korsijiet li qegħdin isiru preżentament. Il-Kunsill qabel ma' dan, u li għandha tingħata riċevuta fiskali fl-aħħar tal-kors.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa informa lill-Kunsill, wara li kien informa lill-kunsilliera permezz ta' *email*, li TIS dwar il-proġett ta' *TownSquare* jinsab fl-uffiċċji tal-Kunsill.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar il-korrispondenza minn *Tigne and Qui-Si Sana Residents Association* dwar il-proġett TownSquare. Is-Segretarju Eżekuttiv kien diġa bagħat kopja permezz ta' *email* lill-kunsilliera kollha.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-laqgħa kordjali li kienet saret ma' l-ADT dwar il-proġett *Sliema Transport Action* plan fil-11 ta' Ottubru, 2007 u għall-minuti tal-laqgħa li kienu ntbagħtu lill-kunsilliera minn qabel. L-ADT talbu kemm se tiswa d-differenza tal-pjanta proposta minn naħa tal-Kunsill, kif ukoll il-fond tal-baħar minħabba li l-kunsill kien qiegħed jipproponi li ssir iktar *land reclamation*.

Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono tkellem dwar l-atteġjamnent ta' l-ADT, għall-fatt li mhumiex jimxu id f'id mal-Kunsill. Il-kunsillier Debono spjega li fil-laqgħa ma l-ADT kienu rrimarkaw li l-pjanti m'għandhomx jintwergħu fil-pubbliku f'dan l-istadju ta' konsultazzjoni filwaqt li huma kienu diġa bdew jimxu fuq il-pjanti tagħhom billi issottometew applikazzjoni lil MEPA. Il-kunsillier Debono wera pjanta ta' applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa mill-ADT fejn kien qiegħed jiġi propost apparti twessiegħ tal-*promenade* li l-parti ta' triq it-Torri li preżentament qegħda tiġi *resurfaced* mill-ADT għandha tiġi *oneway*. Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-punt li l-kunsill lokali fl-istess laqgħa kien diġa' aċċenna għal bżonn li l-awtoritajiet għandhom jikkonsultaw mal-kunsill lokali fil-każ ta' triq il-Kbira. Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza li huwa

kien irċieva mil-MEPA rigward notifikazzjonijiet mil-MEPA dwar applikazzjonijiet ġodda li kien se jgħaddi għall-attenzjoni tal-kunsilliera iżda ma kienx hemm imsemmi l-proposta li din il-parti minn triq it-Torri ssir *oneway*. Is-Sindku qalet li għandna niċċekjaw mas-Sur David Sutton ta' l-ADT dwar dan. Sadanittant il-Kunsill għandu jitfa oġġezzjoni lill-MEPA għal PA 5324/07 anke għall-fatt li ma ġejniex ikkonsultati minn-naħa ta' l-ADT b'dan it-tibdil, minkejja anke, il-laqgħa li kellna ma' l-ADT fejn kellhom iċ-ċans jinformaw lill-kunsill b'din l-applikazzjoni. Is-Segretatrju Eżekuttiv għandu jikteb lis-Sur Sutton biex juri d-diżappunt minn-naħa tal-Kunsill kif ukoll jistaqsih għal tweġiba.

Sadanittant fuq dan il-punt, is-Sindku M. Arrigo tkellmet dwar ix-xogħlijiet li qegħdin isiru minn-naħa ta' l-ADT fi Triq it-Torri. Is-sindku nfurmat li f'isem il-Kunsill kienet għamlet aċċenn waqt laqgħa li kienet saret il-kunsill ma' l-entitajiet kollha involuti (liema laqgħa ssejħet mil-ADT) biex Triq it-Torri ma' tingħalaqx kompletament matul il-proċess ta' *resurfacing,* anke biex jgħaddu l-*cables* u *connections* oħra izda l-unika entita' li kellha problema kient il-GO fejn ir-rappreżentant insista li l-*cables* xorta waħda għandhom jgħaddu mit-triq.

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-istess laqgħa tkellmu dwar il-problema fi Triq il-Kbira. Fuq dan il-punt, is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-ittra li kienet dehret fit-*Times* fit-22 ta' Settembru, 2007. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsill jekk jaqbilx li nirrisponduh b'tali mod li l-pubbliku jsir jaf is-sitwazzjoni kif inhi, kif ukoll għall-fatt li ma' għandux il-liċenzja neċessarja.

Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien innota, mill-applikazzjonijiet li nirċievu mill-MEPA li hemm applikazzjoni (PA 5428/07) sabiex isiru alterazzjonijiet żgħar biex finalment il-lukanda tigi rikonoxxuta bhala lukanda gdida '*The Palace Hotel*' u mhux estensjoni tal-lukanda 'Victoria'. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza minn naħa ta' l-MTA, fejn infurmaw li qegħdin jieħdu l-passi neċessarji peress li qegħda tiġi operata mingħajr permessi neċessarji ta' l-MTA. Il-Kunsill qabel, li għandu jibgħat oġġezzjoni lill-MEPA, fejn jgħid li din m'hiex qegħda legalizzata u li m'għandiex l-liċenzja mill-MTA. Il-kunsill iddeċieda wkoll li hemm bżonn li nenfasizzaw li l-applikazzjoni għandha terġa ssir bil-kliem '*To Sanction*' minħabba li l-lukanda diġi qiegħda topera bħala lukanda ġdida. Il-Kunsill sadanittant għadu jsostni fuq l-estensjoni ta' bankina li qegħda bla permess ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li l-Kunsill ġie avviċinat minn '*The Palace Hotel*' sabiex il-Kunsill jibgħatlu l-*advertising rates* sabiex ikun jista jirriklama fil-*magazine* tal-Kunsill. Il-Kunsill ma' qabilx li dawn għandhom jirriklamaw fil-*magazine* tagħna sakemm ikollhom il-permessi neċessarji kollha. Il-Kunsill għandu jirreferi lill-avukat tiegħu sabiex jara kif l-aħjar li nirrispondu.

3.7 Ittra mill-*Malta Labour Party* rigward proġetti flimkien bejn il-kunsilli lokali u Gvern laburista ġdid li kienet diġa tressqet fl-aħħar seduta. Il-kunsillier M. Debono għamel proposta fejn qal li ż-żewġ proġetti għandhom ikunu l-Berġa u l-*overall plan* tax-Xatt. Il-kunsilliera M. Aquilina ssekondat din il-proposta. Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera, N. Dimech u J. Galea ma qablux ma' din il-proposta għall-fatt li din tista tiġi deċiża wara li jkun deċiż min se jkun fil-Gvern. Il-kunsilliera M. Azzopardi astjeniet.

3.8 Il-kunsillier M. Debono irrefera għat-talba li kien għamel biex il-pjanta proposta li ġiet approvata mill-Kunsill biex tiġi ppubblikata fil-*magazine*. Is-Sindku wieġbet li hi mhux li ma taqbilx li tiġi ppubblikat, għalkemm ġiet misinterprata fil-*media*, iżda ma taqbilx sakemm ikollna diskussjonijiet neċessarji ma' l-ADT kif kien miftiehem. Il-

kunsillier M. Debono insista li xorta waħda din għandha tiġi ppubblikata. Is-Sindku ssuġġeriet li l-pjanta approvata tidher fil-*magazine* iżda b'*caption* taħta fejn tispjega li din ġiet proposta mill-Kunsill u li għadhom għaddejjin diskussjonjiet neċessarji ma' l-ADT. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsillier J. Galea ġie skużat mis-seduta fil-5.35pm*

3.9 Korrispondenza mill-kumpanija GO rigward *junction box* li trid tiġi emendata fi Triq Rudolfu. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir b'dawn il-kundizzjonjiet. Li ssir garanzija bankarja, li jsiru l-permessi neċessarji tat-*trenching* minn naħa ta' l-ADT. Kif ukoll ix-xogħol m'għandux jibda qabel ma' jitlesta x-xogħol fi Triq it-Torri.

*Il-kunsillier J. Galea daħal lura fis-seduta fil-5.40pm*

3.10 Rapporti mit-tabib tal-Kunsill wara li kien hemm talbiet għal dawn ir-*reserved parking* :-

Triq Sir Arturo Mercieca (Rif: 119)
Triq Sir Arturo Mercieca (Rif: 120)

Għaz-zewg referenzi il-Kunsill ma' qabilx li dawn għandhom jingħataw ir-*reserved parking.* Iż-żewġ applikanti għandhom kundizzjoni moderata skond ir-rapport tat-tabib tal-Kunsill.

3.11 Proposta tal-*logo* taċ-ċentinarju tas-*Sliema Wanderers* ġiet ippreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega is-signifikant tal-*logo.* Il-Kunsill approva dan.

3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa bl-ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ġimgħa ta' demokrazjia lokali. Gie rrimarkat li l-Kunsill diġa ippartecipa f' *Walkathon* li saret fit-12 ta' Ottubru, 2007.

3.13 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-ittra ta' ringrazzjamnet mill-*Caritas* għall-għajnuna li kien ta' il-Kunsill.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar il-korrispondenza mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma rigward Triq San Piju V. Il-korporazzjoni ssuġġeriet li jinghata l-asfalt t-triq kollha bi shab bejn il-kusnill u l-korporazzjoni ta' l-ilma minhabba li t-tarmac ezistenti ma kienx tajjeb iżda l-Kunsill ma' laħaqx alloka flus għaliha minħabba li se titkompla Triq Rudolfu. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Korporazzjoni sabiex jagħmlu x-xogħol neċessarju li jagħmlu *squaring off* ta' l-asfalt kif suppost f'din it-triq.

Fuq dan il-punt il-Kunsill tkellem dwar it-*tenders* tar-*Road Resurfacing* u tal-materjal għal xogħlijiet fit-toroq. Il-bord dwar dawn it-*tenders* kienu ltaqgħu fejn għamlu lista tal-applikanti bl-ammonti neċessarji. Il-bord ra li *Tal-General Company Ltd* li kien applika għat-tender tar-*Road Resurfacing* jista jiġi eskluż mil-lista minħabba l-fatt li r-rati huma ħafna iżjed għola minn ta' l-applikanti l-oħra. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk l-applikanti għandhomx jibqgħu jġeddu l-garanzjia bankarja sakemm tiġi deċiża t-*tender.* Il-Kunsill qabel li dawk li għadhom fil-lista ta' l-għażla jridu jibqgħu jġġeduha, min ma jġeddidiex awtomatikament jinqata mill-lista.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi ġiet skużata li titlaq mis-seduta 7.05pm*

3.15 Ittra minn *D Gossip Productions* fejn staqsew il-Kunsill jaqbilx li jagħti ammont ta' flus u l-kunsill jirċievi spazju u filmati mill-U TV. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan.

3.16 Kwotazzjoni minn J. Sciberras rigward installazzjonijiet ta' gradilji fi Triq Tigne li jammonta għal Lm256. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol pero għandu jġib kwotazzjoni ohra.

3.17 Talba mir-Razzett tal-Ħbiberija għall-għajnuna finanzjarja wara li kienu serquhom. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-ammont Lm50.

3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar ix-xogħol li kien se jsir fi Sqaq Muscat mill-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura bħala *joint venture,* se jkun jista jibda f'Jannar. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.19 Ittra mill-perit Mario Scicluna rigward l-ilma tax-xita li qed jinġema' quddiem 54, Triq Mrabat Sliema. Il-Kunsill għandu jirreferiha lill-kuntrattur konċernat Polidano Bros.

3.20 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-pagament lill-Banda ta' San Girgor li kien inżamm fl-aħħar seduta mill-Kunsill, minħabba li l-Kunsill kellu jiċċekkja kienx hemm biżżejjed prominenza li l-marċi saru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-membri tal-Banda San Girgor, wara pprovdew *poster,* fejn il-Kunsill irid jindaga iżjed dwar dan. Il-Kunsill unanimament qabel li din għandha terġa tittella ` fis-seduta li jmiss.

3.21 Korrispondenza mill-*26th Frame* sabiex itellgħu attivita` ix-Xatt quddiem il-Knisja tan-Nazzarenu. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din l-attivita` bil-kundizzjoni li l-preparamenti u l-permessi neċessarji jsiru kollha minn naħa tagħhom.

3.22 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dwar il-ftehim bejn il-Ministeru għall-Investiment Industrija u Teknoloġija u l-Informazzjoni u l-Kunsill Lokali dwar aċċess għall-*internet* li jinkludi WI-FI, lill-pubbliku fil-Ġnien Indipendenza. Il-Kunsill iħallas Lm120 fis-sena u titnaqqas mill-allokazzjoni finanzjara. Il-Kunsill qabel ma' dan il-ftehim.

3.23 Korrispondenza mis-Sur Loic Le Moel minn Les Sables d'Olonne. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi riferuta lill-Banda ta' Stella Maris, minħabba li din kienet diġa involuta magħhom.

3.24 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kien hemm xi hadd li laqat il-vann il-ġdid tal-Kunsill u li għandu bżonn isir id-dinitrol. Il-Kunsill qabel li għandha tittella` d-daqqa u jsir id-dinitrol.

3.25 Is-Segretarju Eżekuttiv informa bil-korrispondenza minn *St Francis Foundation for Animals* fejn talbu biex jissellfu l-vann tal-Kunsill sakemm il-fundazzjoni tagħhom tiġi meqjusa bħala NGO. Peress li din taf tieħu fit-tul u jista jkun hemm konsegwenzi bħal ċitazzjonijiet eċċ, il-Kunsill qabel li għandu jagħtihom il-vann b'donazzjoni ta' Lm50.

3.26 Talba mill-*Malta Union Club* sabiex il-Kunsill jinkludi avviż dwar attivita' tagħhom fil-*magazin* tagħna. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħatu l-*advertsing rates* u jekk ikun hemm post għal riklam jiġi ppubblikat.

3.27 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mill-kunsillier M. Briguglio dwar l-anzjana li qegħda tgħix ix-Xatt. Il-Kunsill ma' jistax jidħol f'dan il-każ minħabba li hemm

diġa wieħed il-Qorti. Il-Kunsill jaf li l-kuntrattur ħa l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jissalvagwardja l-passagg ghall-pubbliku.

**MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

4.1 Il-kunsillier N. Dimech irċieva korrispondenza mill-kamra tal-periti, fejn bagħat kopja tagħha lill-kunsilliera kollha fejn stiednuh li jmur jagħmel xi *speech*. Il-kunsillier N. Dimech staqsa lill-Kunsill jekk jaqbilx li għandu jmur u jitkellem f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.2 Il-kunsillier J. Galea staqsa lill-Kunsill jaqbilx li għandu jitnaddaf ix-xelter li hemm fi Triq Dingli mill-ħafna ilma li hemm. Il-kunsillier J. Galea għandu jġib stima qabel ma tkun tista tittieħed deċiżjoni.

4.3 Il-kunsillier N. Dimech qal li jiltaqa' ma kumpanija *Paragon* fejn qal li dawn jistgħu informazzjoni kif jaħdmu dwar kif jistgħu jiksbu ammonti għall-proġetti permezz tal-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Il-kunsill għandu jiltaqa` magħhom qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss fl-4pm.

4.4 Is-Sindku staqsiet jekk għax-xahar li jmiss is-seduta tistax isir it-Tlieta 20 ta' Novembru minnflok l-Erbgħa 21 ta' Novembru, minħabba li dak in-nhar is-Segretarju Eżekuttiv se jagħlaq żmienu.

**5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

5.1 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-iskeda tal-pagamenti li kienet intbgħtet lill-kunsilliera ma' l-agenda. Il-kunsillier J. Galea ippropona l-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 8981 sa 9047 u l-kunsillier N. Dimech ssekondah.

Kien hemm qbil unanimu għall-pagamenti.

**6. AFFARIJIET OĦRA**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal-20 ta' Novembru, 2007 fl-4.30pm.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**